# It-Tiftixa

Matteo Pullicino

Demmi jbaqbaq taħt dil-ġilda mtarrxa
bħal vulkan li jrid jiżbroffa,
imma idi – gżira iżolata – kiesħa silġ,
tixxennaq li tmiss il-ġilda sħuna tiegħek
u li subgħajk jidħlu bejn tagħha
bħal frammenti tal-istess ġisem
li darba ntradmu
biż-żmien u bid-distanza.

Għax din qalbi għajjiet
tħabbat lil min ma jridx jiftħilha
u ma tixxennaqx għal mument avventuruż.
Tixxennaq għal imħabba għamja
li f'dari tidħol bla mistħija ta' xejn
u mix-xquq ta' ħitani
toħroġli s-sigrieti li kont qed naħbi
u taħraqhom fin-nar ta' mħabbitha.

Imm'għeruq qalbi ndifnu f'deżert ta' segretezzi
u l-imħabba li qed infittex
hi dik ta' bews misruq u
noti deċifrati bil-lingwa tan-namrati;
l-imħabba li ssib wara l-bank tal-iskola
li, bil-ponta ta' kumpass
jew bir-riga tal-ħadid,
ikollu minquxin fuqu l-inizjali
ta' maħbubin antiki li issa ntradmu
biż-żmien u bid-distanza.